21 ta' Diċembru 1965

Imħallef:

Onor. Prof. Joseph Henry Xuereb, LL.D.

Joseph Schembri

*versus*

Joseph Spiteri

**Inkompetenza — Att kummerċjali Art. 7 tal-Kodiċi tal-Kummerċ.**

*Att magħmul minn kummerċjant hemm preżunzjoni li hu kummerċjali, jekk mill-att stess ma jirriżultax li hu ta' natura civili. Bħala regola l-ideja tal-lukru takkumpanja kull attività kummerċjali.*

*Meta att ikun magħmul minn kummerċjant mingħajr ideja ta' lukru u f'rapport ta' ħbiberija, dan l-att, bħal fil-każ preżenti, għandu jitqies ta' natural ċivili għax tirriżulta tali mill-att stess li mhux kummerċjali fit-termini tal-art. 7 tal-Kodiċi tal-kummerċ.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li qal li hu kien ħalla f'idejn il-konvenut partita fidda biex dana jakkwistalu mutwu fuqha, u fil-fatt dan il-mutwu ma ġiex effettwat u hu i.e. l-konvenut ġie mitlub biex jirritorna dina l-partita fidda ndikata fil-listi Dok 'A' u 'B' u hu baqa' ma rritornahielux talab li premessi d-dikjarazzjonijiet kollha meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti opportuni — l-konvenut jiġi kkundannat jikkonsenjalu l-fidda fuq indikata (Dok A-B) fiż-żmien qasir u perentorju li jiġi fissat minn dina l-Qorti u fin-nuqqas jiġi kkundannat iħallsu l-valur tagħhom ċioè tal-istess partita fidda, liema valur jiġi fissat minn dina l-Qorti okkorrendo anke permezz ta' periti nominandi. Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-14 ta' Diċembru 1964;

Omissis:

Illi l-unika eċċezzjoni sa issa sollevata mill-konvenut hija dik tal-inkompetenza ta' dina l-Qorti mħabba x-xorta tal-ħaġa li hi fil-kwistjoni. Din tirrigwarda l-konsenja ta' oġġetti tal-fidda mill-attur lill-konvenut biex dan jipprokuralu self fuqhom, jew aħjar in-nuqqas tal-konsenja lura tagħhom mill-konvenut lill-attur billi, kif dan igħid, is-self ma sarx u l-oġġetti ma ġewx ritornati lilu;

Illi din il-konsenja ta' oġġetti, konnessa kif kienet mal-otteniment ta' self trid tiġi ... n-natura tal-istess self; dana per sè jista' jkun att neutru però, intiż li jkun magħmul mill-attur, li hu kommerċjant, kien ikun hemm il-presunzjoni li hu ta' natura kummerċjali jekk mill-att stess ma jirriżultax li hu ta' natura ċivili. Fil-fatt xejn ma jirriżulta li jwaqqa' dina l-pre-

sunzjoni b'mod li għall-attur anke l-konsenja tal-oġġetti in kwistjoni għandha titqies att kummerċjali. Hu evidenti però li dina l-kunsiderazzjoni m'hix biżżejjed biex fuqha tiġi radikolata l-kumpentenza billi l-kawża preżenti m'hix diretta kontra l-attur u billi kif intqal self hu att neutru hekk ukoll għandha tkun il-konsenja tal-oġġetti in kwistjoni u kwindi hu meħtieġ li jiġi nvestigat kif għandu jiġi ritenut li hu l-att tal-konsenja *tal-oġġetti fil-konfront tal-konvenut (i.e. kummerċjali* jew *ċivili)* biex, fuq il-konklużjoni li hemm tintlaħaq, tiġi applikata d-dispożizzjoni tal-artiklu 37 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, dan ukoll kien isir fil-konfront tal-mutuant kieku l-mutwu laħaq sar b'riferenza għar-ritorn tal-oġġetti mal-ħlas ta' self, fis-sens li kienet tiġi nvestigata n-natura tal-att tas-self rigward il-mutwant.

Dli l-konvenut jammetti hu stess li bħala professjoni hu kummerċjant, iżda żied li fl-okkażjonijiet bħal dik preżenti, li kien jagħmel għall-attur biss, hu kien jaġixxi biss bħala ħabib tal-attur u fl-interess ta' dan, bla ebda idea ta' qliegħ mill-istess operazzjonijiet, meta dawn kienu jiġu konklużi kien l-attur li jidħol f'rapporti mal-mutwanti neħħi xi każi li kienu jinvolvu munita estera, li però ma kienetx involuta fil-każ preżenti. Dana sostanzjalment hu konfermat mill-attur, għalkemm dan ried jinferixxi li l-konvenut kien jiġi kompensat qabel ma jitlob xi kumpens u li dan kien jitolbu kieku ma kienx ikun ġa kompensat; hu intwitiv però l-ħlas ta' xi ħaġa b'rikompens ta' pjaċir magħmul u l-għemil ta' ħaġa bi pjaċir anke bil-ħsieb, iżda mingħajr, dritt għal xi kumpens fid-diskrezzjoni assoluta da parti ta' min jirċievi l-pjaċir, ma jirrendux kummerċjali l-att li hekk ikun sar. Dan jingħad b'iżjed forza meta bejn iż-żewġ partijiet ikun hemm rapporti ta' ħbiberija, kif jidher li kien hemm bejn il-kontendenti meta kienu jsiru xi operazzjonijiet bħal dawk li ssemmew, billi din appuntu teskludi ulterjorament l-idea tal-lukru li takkumpanja bħala regola kull attività kummerċjali. U anzi f'dana l-kontest għandu proprju jingħad li taħt

dawna ċ-ċirkostanzi riżultati mix-xhieda taż-żewġ kontendenti stess, l-intromissjoni tal-konvenut, li kienet tista' tiġi ritenuta *ta' natura kummerċjali għaliex magħmula minn kummerċjant,* għandha titqies ta' natura ċivili għax tirriżulta tali mill-att stess li m'hix kummerċjali, fit-termini tal-art. 7 tal-kodiċi preċitat;

Għal dawna l-motivi:

Tilqa' l-eċċezzjoni sollevata mill-konvenut u tiddikjara nkompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kawża preżenti, bl-ispejjeż ta' dina d-deċiżjoni kontra l-attur; salv lil dan kull dritt skond il-liġi fuq dan l-inċident u fil-meritu.